MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2015

Numru. 813/2004

**Il-Pulizija**

**(Spt. Josric Mifsud)**

**vs**

**Otis Cassar**

**Ramona Vassallo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Otis Cassar,** detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 377172(M) u **Ramona Vassallo,** detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 413371(M);

Akkuzati talli nhar is-27 ta’ Settembru 2004 ghall-habta tal-erbgha u nofs ta’ wara nofsinhar, gewwa Triq Papa Piju V, il-Belt Valletta;

a) Bil-hsieb li jaghmlu delitt wrew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ serq ta’ vettura tal-marka Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni JOS 050, ghad-dannu ta’ Ersilia Maria Briffa, li kienet ipparkjata fi Triq Papa Piju V, il-Belt Valletta li kienet f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghall-pubbliku, jew fuq xi parti jew accessorju li l-ammont taghha huwa ta’ aktar minn Lm1,000, liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, il-mezz u xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom, u dan bi ksur tal-Artikolu 41(1)(a), 261(b), 261(c), 261(g), 263(a), 271(g) u 279(b) tal-Kapitolu 9, tal-ligijiet ta’ Malta;

b) U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ta’ aktar minn Lm50.00 izda anqas minn Lm500.00 ghad-dannu ta’ Ersilia Maria Briffa u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) Ukoll talli fl-istess data, ghall-habta tas-sebgha u nofs ta’ filghaxija gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Belt Valletta ingurjaw, jew heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta’ l-ispettur Ramon Mercieca u PS 710 Joseph Mangion, inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li

kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew hebbew, liema rezistenza kienet ta’ xorta li ma titqies bhala vjolenza pubblika, kontra l-ispettur Ramon Mercieca u PS 710 Joseph Mangion inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

e) Bil-hsieb li jtelfu jew jnaqqsu l-gieh ta’ PS 710 Joseph Mangion weggghawh bi kliem, b’gesti jew b’mod iehor u dan bi ksur ta’ l-artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

f) Kisru il-bon ordni u paci pubblika, b’ghajjat u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi;

g) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legitimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed inkarigat mis-servizz pubbliku, u talli ma halliehx jew fixklu waqt li kien qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu u dan ai termini tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lil **Otis Cassar** wahdu nakkuzah talli;

h) Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, permezz ta' xi arma, strument jew ghodda ohra u cioe' siggu li jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuni ta' l-ispettur Ramon Mercieca u PS 710 Joseph Mangion, dan b'arma, strument jew ghodda irregolari, u dan bi ksur tal-Artikoli 64, 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

i) Ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-ispettur Ramon Mercieca u PS 710 Joseph Mangion ai termini tal-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

j) Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, permezz ta' xi arma, strument jew ghodda ohra u cioe' ash-tray li jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Philippa Abela, Joseph Abela u Paul Attard, dan b'arma, strument jew ghodda irregolari, u dan bi ksur tal-Artikoli 64, 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

k) Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta' Philippa Abela, Joseph Abela u Paul Attard weggghahom bi kliem, gesti jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

l) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ta' aktar minn Lm50.00 izda inqas minn Lm500.00 ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

m) Ukoll talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtijafis-07.03.02 u sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Mgt. Dr. C. Scerri Herrera) moghtija fit-28.10.02;

m1) Ukoll talli fis-27 ta' Settembru 2004, ghall-habta ta' wara l-4.00pm gewwa l-Belt Valletta, ikkometta serq ta' mobile phone tal-ghamla Nokia 3310 li l-valur tieghu ma jaqbizx il-mitt lira Maltin (*zieda awtorizzata fis-seduta tas-6 t'Ottubru, 2004*);

n) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed inkarigat mis-servizz pubbliku u talli ma halliex jew fixklu waqt li kien qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu u dan ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil **Ramona Vassallo** wehidha nakkuzaha talli;

o) Ikkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Philippa Abela ai termini tal-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

p) Bil-hsieb li ittellef jew tnaqqas l-gieh ta' l-ispettur Josric Mifsud wegghatu bi kliem, b'gest jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

q) Ukoll talli saret recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Mag. Dr. L. Quintano) moghtija fit-03.09.04.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Philippa Abela, Joseph Abela, Paul Attard, PS 710 Joseph Mangion, Spettur Ramon Mercieca u Josric Mifsud u ghaldaqstant tapplika l-provvediment ta' Art. 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex il-hatja jidhlu f'garanzija personali li l-Qorti jidhrilha xierqa, sabiex tkun tista' taghti protezjoni effettiva lil imsemmija.

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tat-tnejn ta' Novembru 2006 li permezz tieghu baghat lill-imputati sabiex ikunu gudikati minn din il-Qorti ghal dawk li hemm ravvizat fl-artikoli kif gej:

Fil-konfront ta' Otis Cassar:

(a) Fl-artikoli 41(1)(a), 261 (b)(c)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikoli 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali;
(e) Fl-artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali;
(f) Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali;
(g) Fl-artikolu 338(bb) u 342 tal-Kodici Kriminali;
(h) Fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali;
(i) Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 216, 217, 222(1) (c) tal-Kodici Kriminali;
(j) Fl-artikoli 214, 221(1)(2) u 222(1) (c) tal-Kodici Kriminali;
(k) Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 216, u 217 tal-Kodici Kriminali;
(l) Fl-artikoli 284 u 285 tal-Kodici Kriminali;
(m) Fl-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kodici Kriminali;
(n) Fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali;

Fil-konfront ta' Ramona Vassallo:

(a) Fl-artikoli 41(1)(a), 261 (b)(c)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikoli 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali;
(e) Fl-artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali;
(f) Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali;
(g) Fl-artikolu 338(bb) tal-Kodici Kriminali;
(h) Fl-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali;
(i) Fl-artikoli 214 u 221 tal-Kodici Kriminali;
(j) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali;
(k) Fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013, wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi, l-imputati ddikjaraw illi ma kellhom ebda oggezzjoni li l-kaz kontra taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati tressqu sabiex iwiegbu ghall-akkuzi dedotti kontra taghhom wara li kienu identifikati minn sid ta' vettura akkumpanjata minn zewg persuni ohra li raw lill-istess imputati fil-mument waqt li allegatament kienu qed jisirqu minn gewwa din il-vettura. Inizjalment, l-imputata tlemmhet tistrieh mal-genb ta' vettura u meta wiehed mill-kwerelanti dahal fiha ra lill-imputat riekeb fis-seat tal-passiggier u l-hgiega miksura. L-imputati telqu jigru minn fuq il-post izda l-pulizija inghataw dettalji bizzejjed tas-suspettati sabiex minnufih marru u arrestawhom. Waqt illi l-imputati kienu jinsabu gewwa l-ghassa tal-Belt Valletta, inqalghet kommossjoni shiha hekk kif il-kwerelanti dahlu fl-ghassa billi l-imputati aggredewhom. L-aggressjoni kompliet fil-konfront tal-ufficjali tal-pulizija tant li l-imputat Cassar kellu jkun ristrett bil-forza. Waqt dan kollu tlett ufficjali tal-pulizija sofrew xi griehi hfief u anke l-kwerelanti izda irid jinghad illi l-imputat Cassar kien qabad siggu u kien ser jibda jaghti bih lill-Ispettur Ramon Mercieca meta fil-pront l-Ispettur Josric Mifsud qabad u nehha dan is-siggu minn idejn l-imputat;

Kif gia inghad, dan kollu ta lok ghall-akkuzi odjerni kontra l-imputati. Din il-Qorti hadet konjizzjoni tar-rinunzji tal-kwerelanti anke jekk dawn mhux kollha ghandhom effett fil-ligi stante li uhud mill-akkuzi mhumhiex rinunzjabbli. Jokkorri issa ezami tal-akkuzi fl-isfond tal-provi migjuba;

Kwantu l-ewwel akkuza, ghad il-gravita' taghha u l-piena iebsa li ggorr maghha, hemm zewg fatturi li jimmilitaw favur l-imputati li huma akkuzati b'attentat ta' serq ta' vettura tal-marka Toyota Starlet numru JOS 050. Fl-ewwel lok, l-iter processwali juri illi l-imputati kienu qieghdin jittentaw jisirqu r-radju tal-vettura u mhux il-vettura nnifisha. Certament hemm differenza kbira bejn attentat ta' sera ta' vettura u attentat ta' serq minn vettura. L-attentat kien frustrat bl-intervent f'waqtu tal-kwerelanti li wara rriskontraw hsara fil-parti fejn ikun imwahhal ir-radju u mkien ma

hemm x'jiftiehem illi l-imputati b'xi mod kienu qieghdin jittentaw iqabbdu l-vettura biex jitilqu biha. Inoltre, sid il-vettura xehdet illi n-numru tal-vettura taghha huwa GOE 050 u mhux dak indikat fl-akkuza JOS 050. Ir-ritratti tal-vettura esebiti a fol 51 imbaghad juru biss l-pjanca ta' registrazzjoni bin-numri u ittri obliterati bid-dawl tal-*flash*. Dawn iz-zewg elementi wahidhom ghandhom iwasslu ghall-liberazzjoni tal-imputati fuq l-ewwel akkuza;

It-tieni akkuza, allura indikata bl-ittra (b), rigwardanti hsarat fil-vettura li fuqha kien hemm l-attentat ukoll issofri mill-mankanzi appena senjalati u ghalhekk anke dwar din l-imputati ghandhom ikunu liberati;

L-istess ma jistghax jinghad izda dwar l-akkuzi (c) u (d) ghaliex quddiem din il-Qorti ingiebu provi sufficjenti dwar il-komportament taz-zewg imputati waqt li kienu mizmuma ghall-investigazzjoni fl-ghassa fejn hemmhekk hebbew sia ghall-kwerelanti kif ukoll ghall-ufficjali tal-pulizija li kellhom diffikulta' sabiex jirristringu lill-istess. B'zieda ma' dak gia senjalat fil-parti introduttorja ta' din is-sentenza, l-imputati kienu inkontrollabbli meta ttiehdu fl-ghassa tal-Belt u appena raw lill-kwerelanti dehlin qam irvell shih u l-imputat tefa' oggett fid-direzzjoni tal-kwerelanta u laqat is-soffitt u kkawza danni fih. L-kwerelanta intlaqtet ukoll bil-bieb meta imbuttah l-imputat, hekk kif kienu qed jirristringu lill-imputati, l-Ispettur Mercieca qala' daqqa ta' minkeb mill-imputat anke jekk l-istess Spettur jghid li din ma kienitx intenzjonata. Dan l-agir huwa ravvizat fl-akkuzi (c), (d), (e), (f) u (g) fil-konfront taz-zewg imputati liema akkuzi jirrizultaw ukoll pruvati;

L-imputat Otis Cassar imbaghad huwa akkuzat wahdu dwar is-segwenti. Fl-akkuza (h) l-prosekuzzjoni tallega attentat ta' griehi gravi fil-konfront tal-Ispettur Ramon Mercieca u PS 710 Joseph Mangion. Kif gia inghad, kien l-Ispettur Josric Mifsud l-kawza li spicca

fix-xejn l-attentat tal-imputat li jikkawza feriti gravi fuq il-persuna tal-Ispettur Mercieca u PS 710 meta zammlu s-siggu u hadulu minn idu f'waqt li kien refa' l-istess fl-arja biex isawwat bih. Dan is-siggu gustament jitqies bhala arma irregolari u gustament ghalhekk il-prosekuzzjoni harget din l-akkuza fil-konfront tal-istess imputat liema akkuza ukoll hija pruvata minn dak li ingieb a konjizzjoni tal-Qorti. L-istess zewg ufficjali ssubew feriti ta' natura hafifa anke jekk dawn konsistenti fi grif u ugiegh minghajr konsegwenzi hekk kif rikaptat fl-akkuza (i). Dwar dan kienu ezebiti certifikati medici u ghalhekk qed tinsab hitja anke kwantu din l-akkuza;

L-istess ragunament izda ma jiswiex fir-rigward tal-akkuza ta' attentat ta' griehi gravi diretti lejn il-kwerelanti konvenut fl-akkuza (j) u dan ghaliex ma hemmx dik il-prova biex din l-akkuza tirnexxi. Meta l-imputat lemah lill-kwerelanti dehlin fl-ghassa, jinghad illi tefa' *ashtray* fid-direzzjoni taghhom izda dan fil-fehma tal-Qorti ma jistghax jekwipari ghall-attentat ta' griehi gravi fil-konfront tat-tlieta li huma jekk b'dan l-oggett huwa ried jolqothom kollha f'salt u jikkawzalhom griehi ta' natura gravi;

L-istess kwerelanti imbaghad irrinunzjaw ghall-kwerela dwar ingurji kif ravvizata fl-akkuza (k) u ghalhekk il-procediment qed ikun dikjarat ezawrit fir-rigward;

F'din il-kawza l-prosekuzzjoni naqset milli ggib provi tal-hsarat subiti mis-sid tal-vettura. Anke jekk l-argument ta' din il-Qorti dwar l-ewwel u t-tieni akkuza m'ghandux japplika ghal din l-imputazzjoni, kien jonqos hawnhekk li tingieb prova biex tikwantifika l-hsara subita u la darba din ma ngiebitx, l-imputat ma jistghax jinstab hati taghha. L-istess irid jinghad dwar l-akkuza (m) rigwardanti r-recediva tal-imputat – akkuza din li kienet tirrikjedi li tkun esebita s-sentenza relattiva. L-akkuza (m1) dwar serq ta' *mobile phone* imbaghad ssofri mill-istess difett ghaliex imkien fl-

iter proceduarali ma hemm xi prova ta’ tali serq u wisq anqas tal-valur tal-oggett misruq;

L-imputata Romona Vassallo hija akkuzata wahidha ukoll li kkagunat feriti ta’ natura hafifa fil-konfront tal-kwerelanta, akkuza (o) izda dwar din kien hemm rinunzja mill-istess kwerelanta bil-konsegwenza li din ggib maghha l-ezawriment tal-proceduri;

L-akkuza (p) dwar telfien ta’ gieh fil-konfront tal-Ispettur Josric Mifsud imbaghad tirrizulta pruvata ghaliex anke f’cirkostanzi bhal dik in dizamina fejn persuna hija rrabjata bl-arrest taghha u rinfaccjata bid-denunzja tal-kwerelanti ma jiswiex li kullhadd jista’ jghid li jrid. Kliem u gesti fil-konfront ta’ ufficcjal pubbliku maghmula sabiex joffenduh jew iweggghuh ghandhom certament ikunu puniti kif wara kollox ser taghmel din il-Qorti.

Fir-rigward tal-akkuza (q) limitata ghall-imputata wahida tapplika l-istess kunsiderazzjoni maghmulha dwar l-akkuza (m) u ghalhekk anke hawn ma tistghax tinsab htija ta’ recidiva.

Ghalhekk maghmulha dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qed issib lill-imputat Otis Cassar hati tal-akkuzi c, d, e, f, g, h, i, filwaqt li ma ssibux hati tal-akkuzi a, b, j, m, m1, u, kif ukoll n u minnhom tilliberah. Tiddikjara l-procediment ezawrit kwantu l-akkuza K;

Fil-konfront tal-imputata Ramona Vassallo, il-Qorti qed issibha hatja tal-akkuzi c, d, e, f, g, p, filwaqt li ma ssibhiex hatja tal-akkuzi a, b, q, u minnhom tilliberaha. Tiddikjara l-procediment ezawrit kwantu l-akkuza o;

Wara li rat l-artikoli 95, 96, 252, 338 (bb), (dd) u (ee), 342, 221, 41, 214, 215 u 216 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Wara li rat il-fedina penali tal-imputati;

Wara li rat ir-rapporti tas-*social workers* minn fejn jirrizulta progress sodisfacenti fir-rigward tal-imputat Cassar izda mhux daqstant fir-rigward tal-imputata Ramona Vassallo;

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha fir-rigward tal-piena;

Tiddeciedi billi tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' ammenda ta' € 60 ghall-akkuzi kontravvenzjonali u terminu ta' prigunerija ta' sena (1) mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputati jikkomettu rejat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien, fil-kaz ta' Otis Cassar ta' sena (1) u fil-kaz ta' Ramona Vassallo ta' sentejn (2) mil-lum fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Dan huwa permessibbli la darba l-imputati ma kienux misjuba hatja ta' recediva minkejja l-fedina penali taghhom.

Inoltre tobbliga lill-imputati ma jimmolestawx u/jew xorta ohra ma jdejjqux lill-Ispettur Josric Mifsud, Spettur Ramon Mercieca u PS 710 Joseph Mangion fuq penali ta’ € 200 ghal-zmien sena (1) mil-lum;

Il-Qorti fissret lill-imputati l-obbligi taghhom naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------